B 2581
*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,362, 17 ta' Diċembru, 2024*
*Taqsima B*

**A.L. 343 tal-2024**

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

### Ordni tal-2024 dwar Standard Nazzjonali dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għal impiegi u relazzjonijiet industrijali, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamel dan l-ordni li ġej:-

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2024 dwar Standard Nazzjonali dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati. Titolu u bidu fis-seħħ.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.

**2.** (1) Il-pagi ta' impjegati whole-time għandhom jiżdiedu b'ħames euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€5.24) fil-ġimgħa. Żieda għall-għoli tal-ħajja.

(2) Ir-rata fis-siegħa ta' impjegati part-time għandha tiżdied bl-istess ammont taż-żieda fir-rata fis-siegħa ta' impjegat whole-time komparabbli, ikkalkulata wara li jiġu inklużi ż-żidiet fil-ġimgħa speċifikati fis-subartikolu (1), jew fil-każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda kategorija komparabbli ta' impjegati whole-time fil-post tax-xogħol, bir-rata fis-siegħa ta' impjegat whole-time komparabbli f'Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi li jkun japplika, jew fejn ma jkunx hemm Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi li jkun japplika, b'wieħed minn kull erbgħin (1/40) tar-rata ta' żidiet kif speċifikati fis-subartikolu (1).